## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 69/2022: IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (R.E.W.S) V. CASSAR PETROLEUM SERVICES LIMITED (C45993)

(PROĊEDURA TAL-OPPOSIZZJONI GĦAL DIKJARAZZJONI MAĦLUFA IPPREŻENTATA AI TERMINI TAL-ART. 466(1) TAL-KAP. 12 – L-OBBLIGU TAL-ĦLAS TAD-DRITT REGOLATORJU TAĦT IL-LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 545.17 FUQ L-IMPORTATUR JEW BEJJIEGĦ BL-INGROSSA TAL-PETROLEUM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Frar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Cassar Petroleum Services Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2022[1] li permezz tiegħu għamlet is-segwenti talbiet:

Illi l-esponenti giet notfikata b'ittra ufficjali numru 260/22 mir- Regolatur intimat u tinstab formalment u ghall-kull effett li trid il-ligi ai termini tal- Artiklu 466 ( 2) tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta'Malta ,tikkontesta u tipprotesta ruhha ghat- talba tar-Regolatur stante li tali talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jista ampjament jirrisulta waqt is-smigh tar-rikors odjern .

Illi t- talba u sejha ghall-hlas tal- ammont ta' €6467.34 mitluba bhala likwidazzjoni finali u konklusiva rapresentanti hlas ta'arretrati ta'drittijiet tal-awtorizzazzjoni ta'importazzjoni/bejgh bl-ingrossa li ggib refrenza IW/006/08/2 u ai termini tar-Regolament 11 A u t- Tieni Skeda tar- Regolamenti Dwar il_Petroleum Fis- Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa Fuq l-Art , L-Ibbottiljar tal- LPG u l-Facilitajiet tal- Hzin Primarji ( LS 545.17 ) u dan ghas-snin 2017 sas- sena 2019 hija irregolari stante illi s-socjeta mittenti qatt ma kienet l- Importatur ta'dan il-fuel .

[1] Fol 1-4

Illi jkun primarjament ribadit illi s-socjeta rikorrenti qatt ma kienet licenzjata bhala entita ta'Primary Storage fis-snin 2017 sa 2019 .

Illi jirrisulta ampjament illi hija qatt ma kienet importatur ghal- ebda fuel u ai termini tal-istess ligi ghandhu jkun l-istess importatur li min ghandhu s-socjeta mittenti akkwistat il-fuel, l-entita li se mai ghandha u jispetta li thallas tali drittijiet ta'awtorizzazjoni ta'importazzjoni .

Illi s-socjeta mittenti dejjem irrispondiet ghall-kull interpellanza li saret mir-regolatur li hija mhijiex l-importatur tal-fuel izda cio nonstante l-istess Regolatur qatt ma nterpella lill-eventwali importatur u jinstab ingustament jinterpella s-socjeta rikorrenti .

Illi presentement s-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-informazzjoni dettaljata fl-Artikolu 3(2) tal- Kap 423 ( L.S 423.48 ) dejjem gew presentati fil-hin opportun, tant illi r- REWS hija informata b' kull ammont tal- prodotti li jinxtraw u/jew jinbieghu mis-socjeta Cassar Petroleum Services Limited .

Illi d-Data Reporting kien jsir regolarment darba kull xahar kif ordnat mir-Regolatur.

Illi d-divergenza fl-interpretazzjoni tal-ligijiet vigenti fir-rigward hija in kwantu il-hlas jew talba ghal hlas ta' Regulation Charge mitluba mir- REWS.

Illi l- Artiklu 3 ( 2) kwotat jistipola " fornitur " u fit test ingliz tal-ligi huwa kwalifikat bhala " Supplier " .

Illi jigi kkonfermat illi s-socjeta Rikorrenti takkwista l- fuel minghand Enemed plc u jsegwi li ghall- iskop tal-ligi ma tikkwalifikax bhal importatur jew fornitur tal- fuel .

Illi kwindi kull interpellanza ghall-hlas ta' Regulation Charge huwa rregolari arbitrarju u ingust .

Illi l-obbligu jaqa' dejjem fuq l-importatur Enemed plc bhala fornitur (supplier) tal-fuel lis-socjeta rikorrenti .

Illi l-prodott li qed jinxtara mis-socjeta Rikorrenti huwa prodott ta' Enemed plc li jissodisfa kull rekwizit impost mir- REWS ghal- fini tal- Legislazzjoni Sussidjarja 423.48 .

Illi r-raguni originali tal-metodu kif jithallas id- dazju ghan-nom ta' Enemed plc kien jirrisali ghal dizgwid bejn Enemed plc u s-socjeta Rikorrenti fil-metodi ta' kemm effettivament huwa dovut dazju lid- Dwana . Sabiex jigu evitati tali diskrepanzi u dizgwid s-socjeta Rikorrenti accettat li thallas hija direttament dan id-dazju ghan-nom ta' Enemed plc .

Illi fi kwalsiasi kaz is-socjeta rikorrenti mhijiex il-legittimu kontradittur .

Ghaldaqstant s-socjeta rikorrenti umilment titlob ;

1. Illi din l-Onorabbli Qorti wara le tikkunsidra l-artikli kollha tal- ligi u l-fatt illi s-socjeta rikorrenti hija biss distributur u mhux importatur tal-fuel u ghaldaqstant m'ghandiex tintalab hlasijiet u obligazzjonijiet li skond il-ligi kienu u huma previsti bhal dovuti mill- importatur tal-istess fuel .

2. Illi din L-Onorabbli ghandha konsegwentement tordna u tiddeciedi illi r-Regolatur ( REWS ) intimat ma jistax jitlob il-hlas u kwindi mhuwiex kreditur tas-socjeta rikorrenti u ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal- gudizzju in kwantu l-istess REWS ma tistax titlob l-applikazzjoni tal- Artiklu 466 ghall-esekuzzjoni ta 'tali kreditu li ma jirrisultax fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.

Salv kull decizjoni u provvediment opportun.

wara li rat ir-risposta tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ("l-intimat" jew "ir-Regolatur intimat") ppreżentata fl-10 ta' Mejju 2022[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

**'Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi miċhudha u dan għar-ragunijiet segwenti:**

1. **Illi it-talba tar-Regolatur intimat hija fondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, u li huma pjuttost il-pretensjonijiet esposti fir-rikors tas-soċjetà rikorrenti li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.**

2. **Illi l-ammont rikjamat mir-Regolatur intimat huwa ammont dovut mill-istess rikorrenti u dana ai termini ta' dak li tipprovdi l-ligi senjatament l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta li jagħti d-dritt lir-Regolatur li jipproċedi billi jibgħat ittra ufficjali sabiex *'jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi ......ghal dritt ta' xi licenzja.'* Illi fil-kaz odjern, il-liċenzja mertu ta' din il-kawza hija wahda relatata mal-ħlas tal-arretrati ta' drittijiet tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni/bejgħ bl-ingrossa li ġġib ir-referenza IW/006/08/2 u ai termini tar-regolament 11A u it-Tieni Skeda tar-**

[2] Fol 8-11

**Regolamenti Dwar Il-Petroleum Fis-Suq Tal-Karburanti Bl-Ingrossa Fuq L-Art, L-Ibbottiljar Tal-Lpg u L-Faċilitajiet Tal-Ħżin Primarji (L.S.545.17), li jippreskrivi dan li ġej:**

**"11A. Persuna awtorizzata biex twettaq l-attività ta' importatur u, jew ta' bejjiegħ bl-ingrossa tal-petroleum għandha tħallas lir-Regolatur dritt regolatorju fuq kull litru u, jew kilogramma ta' karburant importat kif jista' jkun speċifikat skond dawn ir-regolamenti u, jew kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni:**
**Iżda kull dritt regolatorju m'għandux ikun dovut fuq il-karburanti msemmija fir-Raba' Skeda."**

**Illi ai terminu tar-regolament 2 tal-istess regolamenti, il-kelma "importatur" hija mfissra kif ġej:**

**"importatur" tfisser il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex iwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-petroleum li jirrilaxxa għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art skont l-Att dwar Dazju tas-Sisa;**

**Illi minn informazzjoni miġbura mir-Regolatur, is-soċjetà rikorrenti filwaqt li kienet awtorizzata bħala importatur taħt l-imsemmija regolamenti, irrilaxxat għal konsum ammonti ta' diesel fuel fis-suq tal-karburanti fuq l-art, kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża. Id-diesel fuel huwa wieħed minn dawk il-karburanti li fuqhom huwa dovut id-dritt regolatorju li għandu jitħallas taħt ir-regolament 11A.**

3. **Illi l-karburanti li dwarhom kellha tħallas ir-regulation charge għalihom s-soċjetà rikorrenti u liema drittijiet ta' awtorizzazzjoni huma s-suġġett tal-kawza odjerna, li ġew akkwistati mingħand is-soċjetà Enemed Co. Ltd. fir-realtà ġew akkwistati fi stat li jissejjaħ 'duty suspended' u li għalhekk allura jirrizulta li r-regulation charge hija imponibbli fuq is-soċjetà rikorrenti.**

4. **Illi fir-realtà ma jeżisti l-ebda diżgwid għar-rigward tal-interpretazzjoni tal-liġi u li fir-realtà kienet l-istess soċjetà rikorrenti li arrogat d-dritt lilha nnifisha li tiddeċiedi li l-liġi ma tapplikax ghalija u għażlet li tinterpreta l-fatti kif jidrilha hi a skapitu tal-osservanza tal-liġijiet applikabbli u l-awtorizzazjoni IW/006/08/2 li tagħha hija detentriċi.**

5. **Illi l-ebda parti mill-ammont rikjamat fl-ittra uffiċjali ma tirrigwardja xi dritt ta' awtorizzazzjoni dwar l-operat ta' 'primary storage facility' u mhux mifhum mill-esponenti il-għala qegħda ssir referenza għal din l-awtorizzazzjoni .**

6. **Illi del resto fir-rikors tagħha stess, is-soċjetà rikorrenti tammetti hija stess li ħallset hija stess direttament id-dazju u li rrilaxxat għal konsum l-karburanti in kwistjoni.**

**Salvi eccezzjonijiet oħra, jigi rilevat li l-procedura li esegwa r-Regolatur esponenti hija waħda li permezz tagħha r-Regolatur esponenti:**

**i. għandha effett daqslikieku hi ġudikat tal-Qorti kompetenti;**

**ii. hi wahda legittima li saret ai termini ta' dak li jitlob l-istess artikolu;**

**iii. ma hemm l-ebda bażi li fuqha t-talba tar-rikorrenti għandha tigi milqugħa billi r-rikorrenti ma għandu ebda bażi legali li fuqha jista' jikkontesta t-talba tar-Regolatur esponenti;**

**Għaldaqstant ir-Regolatur esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih.'**

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha proċesswali,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali sottomessi

- għan-nom tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Edward Zammit Lewis u l-Avukat Dr. Roberto Montalto[3],
- għan-nom tar-Regolatur intimat, mill-Avukat Dr. Andre Buttigieg[4].

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Din il-kawża nfetħet ai termini tal-Art. 466(2) tal-Kap. 12 sabiex il-kumpanija rikorrenti Cassar Petroleum Services Limited topponi t-talba tar-Regolatur intimat magħmula kontriha permezz ta' dikjarazzjoni maħlufa li ġiet notifikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 260/2022 ippreżentata fit-8 ta' Frar 2022 ai termini tal-Art. 446(1) tal-Kap. 12. Id-dikjarazzjoni saret sabiex ir-Regolatur jiġbor mingħand ir-rikorrenti l-ammont ta' sitt elef erba' mija u sebgħa u sittin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 6,467.34) rappreżentanti ammont li ġie likwidat mill-istess Regolatur bħala dak li skond hu jirrappreżenta ħlas ta' arretrati ta' drittijiet tal-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni/bejgħ bl-ingrossa li ġġib ir-riferenza IW/006/08/2 u ai termini tar-Regolament 11A u t-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Petroleum fis-Suq tal-Karburanti Bl-Ingrossa Fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji (L.S. 545.17) u dan għas-snin 2017 – 2019.

2. L-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif ġej:

---

[3] Fol 184-191
[4] Fol 192-197

> **466.** (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> *Proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern. Emendat: XV.1913.98. Sostitwit: XXIV.1995.199. Emendat: XXII.2005.56; XVII.2012.5.*
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' *meters* relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-*metering*, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-*meter*.
>
> (2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.
>
> (3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.
>
> (4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra.

3. Fir-rigward tal-ittra uffiċjali *de quo,* wara żewġ tentattivi inutli ta' notifika, din ġiet notifikata lid-direttur tal-kumpanija rikorrenti fis-7 ta' Marzu 2022. Bis-saħħa tal-preżentata tar-rikors promotur, id-dikjarazzjoni maħlufa ma għaddietx in ġudikat. Għalhekk huwa biss l-eżitu definittiv ta' din il-proċedura illi issa ser jiddetermina jekk iseħħx dan.

4. Il-bażi legali tal-pretensjoni tar-Regolatur intimat hija l-Art. 11A u l-Iskeda 2 tar-Regolamenti Dwar Il-Petroleum Fis-Suq Tal-Karburanti Bl-Ingrossa Fuq L-Art, L-Ibbottiljar Tal-LPG u L-Faċilitajiet Tal-Ħżin Primarji (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.17 – "Ir-Regolamenti") li jipprovdu hekk:

Regulation charge.
*Added by:*
*L.N. 33 of 2010.*
*Amended by:*
*XXV. 2015.41.*

**11A.** A person authorised to carry out the activity of an importer and, or of a wholesaler of petroleum shall pay to the Regulator a regulation charge on every litre and, or kilogram of imported fuel as may be specified in terms of these regulations and, or authorisation conditions:

Provided that a regulation charge shall not be due on the fuels included in the Fourth Schedule.

**11A.** Persuna awtorizzata biex twettaq l-attività ta' importatur u, jew ta' bejjiegħ bl-ingrossa tal-*petroleum* għandha tħallas lir-Regolatur dritt regolatorju fuq kull litru u, jew kilogramma ta' karburant importat kif jista' jkun speċifikat skond dawn ir-regolamenti u, jew kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni:

Dritt regolatorju.
*Miżjud:*
*A.L. 33 tal-2010.*
*Emendat:*
*XXV. 2015.41.*

Iżda kull dritt regolatorju m'għandux ikun dovut fuq il-karburanti msemmija fir-Raba' Skeda.

5. Id-dritt regolatorju jiġi għalhekk ikkalkolat fuq kull litru/kilogramma ta' karburant **importat** mill-persuna awtorizzata. X'inhi persuna awtorizzata? Skond Art. 4(1) tal-istess Regolamenti:

**4.** (1) The Regulator may, in terms of these regulations, grant an authorisation and, or authorisations for the:

Authorisations granted by the Regulator.
*Amended by:*
*XXV. 2015.41.*

(*a*) carrying out of the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum;

(*b*) operation of a primary storage facility;

(*c*) bottling of LPG:

Provided that such provider in whose favour an authorisation is granted, shall satisfy any such conditions as may be specified in the authorisation, these regulations and any other applicable laws.

**4.** (1) Ir-Regolatur jista', skond dawn ir-regolamenti, joħroġ awtorizzazzjoni u, jew awtorizzazzjonijiet:

Awtorizzazzjoni mogħtija mir-Regolatur.
*Emendat:*
*XXV. 2015.41.*

(*a*) għat-twettiq ta' attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum*;

(*b*) għal operazzjoni ta' faċilità tal-ħżin primarja;

(*ċ*) għall-ibbottiljar tal-*LPG*:

Iżda provditur bħal dak li jkun awtorizzat, għandu jissodisfa dawk il-kondizzjonijiet hekk kif speċifikati fl-awtorizzazzjoni, f'dawn ir-regolamenti u f'kull liġi oħra applikabbli.

6. Il-kumpanija rikorrenti hija persuna awtorizzata bħala importatur u/jew grossista tal-*petroleum* inkluż tad-*diesel* magħruf bħala SM EN 590 li jintuża għall-karozzi u li huwa s-suġġett ta' din il-kawża. Din l-awtorizzazzjoni toħroġ mill-ftehim iffirmat

bejn il-partijiet li jkopri l-perjodu 1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2021 u li ġie esebit mill-**Inġinier Phyllis Micallef** fix-xhieda tagħha tal-21 ta' Novembru 2022[5].

7. L-istess Regolamenti jiddefinixxu l-kelma "*importatur*" bħala"

"importer" means the authorised provider who is authorised by the Regulator to carry out the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum who releases for consumption fuel to the inland market in terms of the Excise Duty Act;

"importatur" tfisser il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex iwettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-petroleum li jirrilaxxa għall-konsum fis-suq tal-karburanti fuq l-art skont l-Att dwar Dazju tas-Sisa;

8. Kif ġa ngħad, id-dritt regolatorju jiġi kkalkolat fuq kull litru/kilogramma ta' karburant importat mill-persuna awtorizzata. Flimkien mad-dritt regolatorju l-persuna awtorizzata trid ai termini tal-Art. 11 tar-Regolamenti tħallas ukoll lir-Regolatur kull sena d-dritt tal-awtorizzazzjoni. Sfortunatament l-Iskeda 2 tar-Regolamenti toħloq xi ftit ta' ambigwità bla bżonn peress illi minflok ma tistabbilixxi r-rata tad-dritt regolatorju u r-rata tad-dritt tal-awtorizzazzjoni separatament, tgħaqqadhom flimkien taħt in-nomenklatura żbaljata ta' dritt tal-awtorizzazzjoni minkejja li huma żewġ drittijiet separati:

SECOND SCHEDULE
Regulation 11(2)

Authorisation fee payable in respect of a:

Authorisation to carry out the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum

The applicable authorisation fee for carrying out the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum in the inland market is of €2,329 per annum and of €0.001750 per litre of imported fuel.

[5] Dok PM1 a fol 24-37

IT-TIENI SKEDA

Regolament 11(2)

Dritt ta’ awtorizzazzjoni mħallas fir-rigward ta’:

Awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa l-attività ta’ importatur u jew, bejjiegħ bl-ingrossa tal-*petroleum*

Id-dritt li japplika għal ħruġ ta’ awtorizzazzjoni biex tiġi mwettqa attività ta’ importatur u, jew bejjiegħ bl-ingrossa tal-*petroleum* fis-suq fuq l-art hu ta’ €2,329 fis-sena u ta’ €0.001750 għal kull litru ta’ karburant li jiġi mpurtat.

9. Għalhekk persuna awtorizzata bħal ma hija l-kumpanija rikorrenti hija obbligata li tħallas lir-Regolatur:

- € 2,329 bħala dritt ta’ awtorizzazzjoni li jitħallas kull sena, u

- € 0.001750 bħala dritt regolatorju għal kull litru ta’ karburant li jiġi mpurtat. Il-ftehim li persuna awtorizzata tilħaq mar-Regolatur (ara fol 24-37 għall-ftehim viġenti bejn il-partijiet f’din il-kawża) jirregola kemm (i) kif dan id-dritt jiġi kkalkulat fuq dak li jiġi rrappurtat mill-persuna awtorizzata kull xahar (klawżola 3.4.3) u, (ii) kif jitħallas tali dritt (klawżola 3.4.5):

  **‘3.4.3. The authorised provider shall submit, in the form established by the Regulator, and within a period of time, being not later than the first week of the second month from date of release for consumption from a customs warehouse, a list of fuel quantities released to the inland market. Together with this data, the authorised provider shall pay to the Regulator the fee per litre of fuel, based on the amount of fuel released for Inland Wholesale purposes as established by law. The authorised provider shall submit such data in the form and manner that may be required by the Regulator. The authorised provider shall submit such data for each month. The data shall reach the Regulator by not later than the first week of the second month from date of release for consumption from a customs warehouse, save as otherwise provided by the Regulator.**

  **...**

  **3.4.5. Failure to submit the data stated in clauses 3.4.3 ... of this authorisation and, or to pay regulation charges within 5 working days as from the lapse of the first week of the second month from date of release for consumption of fuel from a customs warehouse, shall attract a penalty interest of 2% per day above the marginal lending facility set by the European Central Bank, on the amount unpaid as from the day of written notification by the Regulator, whether by means of electronic communication or in printed form’**

10. Skond il-fattura rilaxxjata mir-Regolatur intimat datata 8 ta' Novembru 2021[6] fis-snin 2017, 2018 u 2019 l-kumpanija rikorrenti rrilaxxat għall-konsum fis-suq tal-karburanti 3,445,958 litru ta' *Diesel EN 590*. Għalhekk skond hi kellha tħallas dritt regolatorju ta' € 6,467.34. Minkejja li d-dikjarazzjoni maħlufa u l-ittra uffiċjali jagħmlu riferenza għal *dritt t'awtorizzazzjoni* fil-verità l-ammont li qed jiġi mitlub huwa biss dritt regolatorju u m'għandu x'jaqsam xejn mad-dritt t'awtorizzazzjoni ta' € 2,329 li jitħallas kull sena. Madanakollu peress li kif ingħad fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti l-leġislatur għaqqad kemm id-dritt regolatorju u kemm id-dritt t'awtorizzazzjoni taħt in-nomenklatura ta' dritt t'awtorizzazzjoni, ir-Regolatur intimat ma kellux għażla biex ikun legalment korrett fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu ħlief li jirreferi għall-ammont ta' dritt regolatorju dovut lilu bħala *dritt t'awtorizzazzjoni.*

11. Il-kumpanija rikorrenti qegħda tattakka t-talbiet tar-Regolatur minħabba li skond hi:

- qatt ma kienet importatur għall-ebda fuel[7]
- il-fuel dejjem ġie akkwistat mingħand Enemed plc li għalhekk huwa l-importatur u/jew sfornitur tal-fuel u d-Adritt regolatorju għalhekk huwa dovut minn Enemed plc
- kwalunkwe dazju tas-Sisa (*excise tax)* li l-kumpanija rikorrenti ħallset lir-Regolatur fuq il-fuel akkwistat mingħand Enemed plc, tħallas għan-nom tal-istess Enemed plc wara li ntlaħaq ftehim bejn din il-kumpanija u l-kumpanija rikorrenti.

12. Kif ġa ngħad skond ir-Regolamenti l-importatur huwa dak il-provditur awtorizzat li jista' jaġixxi bħala importatur li **<u>jirrilaxxa għall-konsum fis-suq</u>** skond l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-Att jiddefinixxi l-frażi "*rilaxx għall-konsum*" kif ġej:

---

[6] Fol 120
[7] Kif ser jintwera iktar 'l quddiem din l-asserzjoni fir-rikors promotur hija ineżatta peress illi skond l-istess kumpanija rikorrenti hija ukoll tqis lilha nnifisha bħala importatur fir-rigward ta' ċertu fuel (li però m'huwiex il-fuel mertu ta' din il-kawża). Għalhekk *semmai* biex tkun eżatta r-rikorrenti kellha tgħid li qatt ma kienet importatur tal-fuel mertu ta' din il-kawża u mhux li qatt ma kienet importatur ta' *ebda* fuel.

"release for consumption" means:

(*a*) any departure, including irregular departure, from a suspension arrangement;

(*b*) any manufacture, including irregular manufacture, of excisable goods outside a suspension arrangement;

(*c*) any entry into Malta of excisable goods, including irregular entry, where those products have not been placed under a suspension arrangement;

"rilaxx għall-konsum" tfisser:

(a) kull tluq, inkluż tluq irregolari, minn arranġament ta' sospensjoni;

(b) kull manifattura, inkluża manifattura irregolari, ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa li ma jkunux jinsabu f'xi arranġament ta' sospensjoni;

(*c*) kull dħul ġewwa Malta ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa, inkluż id-dħul irregolari, meta dawk l-oġġetti ma jkunux tqiegħdu taħt arranġament ta' sospensjoni;

13. L-istess Att jagħti ukoll definizzjoni tal-frażi *"importazzjoni ta' oġġetti tad-dazju tas-Sisa"*

"importation of excisable goods" means the entry into the territory of the Community of excisable goods unless the goods upon their entry into the Community are placed under a customs suspensive procedure or arrangement, as well as their release from a customs suspensive procedure or arrangement;

"importazzjoni ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa" tfisser id-dħul fit-territorju tal-Komunità ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa kemm-il darba l-oġġetti, meta jidħlu fil-Komunità, ma jkunux soġġetti għal proċedura jew arranġament doganali sospensiv, kif ukoll ir-rilaxx tagħhom minn proċedura jew arranġament doganali sospensiv;

14. Ir-Regolatur intimat jikkontendi illi d-*Diesel EN 590* illi l-kumpanija rikorrenti xtrat mingħand l-Enemed plc kien ġie akkwistat taħt arranġament doganali sospensiv u għalhekk il-mument li ħarġitu mill-maħżen[8] hija kienet qed *timporta* dak il-fuel u *tirrilaxxah għall-konsum fis-suq* u għalhekk kienet dovuta tħallas id-dazju tas-Sisa fuqu (kif filfatt sar għalkemm ir-rikorrenti tgħid li dan għamlitu mhux f'isimha personali imma f'isem l-Enemed plc) kif ukoll id-dritt regolatorju.

[8] Skond il-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, "*maħżen tas-sisa awtorizzat*" tfisser post fejn jiġu prodotti, ipproċessati, miżmuma, riċevuti jew mibgħuta oġġetti tad-dazju tas-sisa taħt arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju minn kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat matul in-negozju tiegħu...

15. **Hija din il-qofol tal-kwistjoni li trid tindirizza l-Qorti u ċioe jekk għall-*fuel* in kwistjoni li akkwistat mingħand Enemed plc fis-snin 2017-2019 il-kumpanija rikorrenti kienetx importatur u/jew grossista tal-*petroleum* fis-sens illi kienet hi li rrilaxxatu għall-konsum fis-suq – u għalhekk kellha tħallas id-dritt regolatorju fuq tali fuel – jew inkella jekk kienetx, kif tikkontendi hi, sempliċiment distributur tal-istess fuel b'dan li m'hija tenuta tħallas l-ebda drittijiet regolatorji lir-Regolatur intimat.**

16. Fil-21 ta' Novembru 2022 xehdet l-**<u>Inġinier Phyllis Micallef</u>**, *Head of Regulation and EU Affairs* fi ħdan ir-Regolatur intimat. Hija spjegat kif bħala parti minn xogħolha hija tiġbor l-informazzjoni ta' movimenti tal-fuel mgħoddija mill-persuni awtorizzati sabiex eventwalment dawn jiġu rrapportati lill-Eurostat skond l-obbligi ta' Malta taħt ir-Regolament tal-EU 199/2008. L-informazzjoni tintbagħat permezz ta' rapporti li għandhom jidħlu kull xahar fuq *templates* maħruġa mill-istess Regolatur. Hija esebit it-*template*[9] u spjegat kif tkun imqassma fejn fost affarijiet oħra f'sezzjoni minnhom il-persuna awtorizzata tirrapporta l-moviment fl-istock ta' fuel tagħha li jkollha fil-maħżen tas-Sisa. Dan il-fuel ma jkunx għadu ġie rilaxxjat għall-konsum fis-suq u s-Sisa ma tkunx għadha dovuta. Bħala parti minn dik is-sezzjoni jiġi rrappurtat *inter alia* l-bejgħ ta' fuel (magħruf bħala *duty suspended*) lil importaturi u/jew grossisti tal-petroleum awtorizzati mir-Regolatur intimat (kolonna AB). F'sezzjoni oħra l-persuna awtorizzata tirrapporta l-moviment ta' fuel li jkun ġie rilaxxjat għall-konsum fis-suq, li jkun għadda mid-Dwana u li fuqu tkun tħallset is-Sisa. Bħala parti minn din is-sezzjoni jiġi rrappurtat *inter alia* l-importazzjoni ta' fuel fis-sens li jkun ġie rilaxxjat għall-konsum fis-suq jew għaliex ikun ġie ttrasferit mill-maħżen tas-Sisa tagħha stess (kolonna AL) jew inkella għaliex ikun ġie mixtri direttament minn *traders* barranin li ma jkunux liċenzjati mir-Regolatur (kolonna AM). F'sezzjoni oħra jiġi rrappurtat x-xiri ta' fuel mingħand importaturi oħra awtorizzati li jkun diġà għadda mid-Dwana u li fuqu tkun diġà tħallset is-Sisa (kolonna AN).

Il-kolonna AM tintuża mir-Regolatur sabiex abbażi tagħha tiġbor id-dritt regolatorju dovut skond il-liġi. Ix-xhud spjegat ukoll kif skond il-leġislazzjoni sussidjarja 545.17 l-importatur ikun dak li rrilaxxja l-fuel għall-konsum fis-suq. Il-kumpanija rikorrenti hija persuna awtorizzata mir-Regolatur u f'dan ir-rigward ix-xhud esebiet il-ftehim li kellha mal-istess Regolatur li jkopri l-perjodu 1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju

[9] Fol 40 et. seq.

2021[10]. Hija esebiet ukoll ir-rapporti li ġew sottomessi mir-rikorrenti lir-Regolatur bejn Jannar 2017 u Diċembru 2019.

Ix-xhud qalet li d-diżgwid mal-kumpanija rikorrenti beda meta minn *random cross-checks* magħmula flimkien mad-Dwana ir-Regolatur induna li fis-snin 2017-2019 il-kumpanija rikorrenti kienet qed tirrilaxxja *Diesel EN 590* fis-suq lokali (u tħallas is-Sisa fuqu) iżda imbagħad ma kienetx qed tirrappurtah bħala tali fir-rapporti ta' kull xahar u għalhekk ma kienetx qed tħallas id-dritt regolatorju fuq tali fuel. Hija ppreżentat il-korrespondenza li għaddiet mad-Dwana u mal-kumpanija rikorrenti flimkien mal-fattura maħruġa lill-istess kumpanija.

In kontroeżami meta ġie suġġerit lix-xhud illi l-fuel in kwistjoni ma kienx ġie importat mir-rikorrenti ġewwa Malta, din spjegat illi għandha ssir distinzjoni bejn min idaħħal il-fuel *duty suspended* fit-territorju Malti ġewwa *tax warehouse* u min imbagħad jirrilaxxjah għall-konsum fis-suq. Ix-xhud tenniet illi skond il-liġi huwa f'dan l-aħħar stadju li ssir l-importazzjoni u huwa għalhekk dak il-ħin illi s-Sisa u d-dritt regolatorju jiġu dovuti u jridu jitħallsu. Hija qalet ukoll illi huwa rrilevanti għar-Regolatur min ikun daħħal il-fuel *duty suspended* fit-territorju Malti (li skond ir-rikorrent huwa l-Enemed plc) peress illi dan m'għandux bżonn awtorizzazzjoni minnu. Spjegat illi l-Enemed plc hija kumpanija waħda minn numru ta' kumpaniji lokali li għandhom awtorizzazzjoni mir-Regolatur taħt il-Liġi Sussidjarja sabiex timporta u tirrilaxxja l-fuel għall-konsum lokali.

Hija nnegat dak li ġie ssuġġerit lilha u ċioe illi hemm liċenzja għal min jimporta l-fuel u oħra separata għal *wholesalers* li jbiegħu l-fuel għas-suq lokali. Filfatt l-istess liċenzja għall-importatur tapplika ukoll għall-*wholesaler* li jirrilaxxja l-fuel għall-konsum fis-suq. Hija kompliet telabora fuq dan il-punt kif ġej:

*"Mela, l-awtoriżazzjoni Import/Wholesale hija marbuta mar-rilaxx tal-fjuwil fis-suq intern jiġifieri passing the fuel through excise duty point ngħidulha aħna fejn ikun hemm taħt is-sorveljanza tad-Dwana u d-Dwana tikkalkula kemm hija dovuta lilha taxxa. Imbagħad hemm ukoll liċenzja jew awtorizzazzjoni tad-distributuri tal-fjuwil li normalment jixtru, jew jixtru mingħand min ikun diġa' rilaxxat fis-suq intern jiġifiri d-Duty ..... diġa' mħalsa u jiddistribwixxu lil konsumaturi finali bażikament"*

Ix-xhud spjegat illi m'huwa dovut l-ebda dritt minn distributuri tal-fuel lir-Regolatur u dawn lanqas jissottomettu rapporti lilu.

---

[10] Fol 24-37

17. Fl-istess ġurnata xehed ukoll **<u>Philip Borg</u>**, *Chief Technical Officer* ta' Enemed plc. Huwa qal illi n-negozju prinċipali tal-kumpanija rappreżentata minnu huwa dak ta' importazzjoni tal-fuel bħal *petrol,* diesel u *jet fuel* u t-tqassim tiegħu għall-*petrol stations* u għall-ajruport. Il-kumpanija rikorrenti hija klijent tagħha kemm għaliex għandha l-*petrol stations* tagħha illi tixtri l-fuel mingħandha u kemm għaliex hija ukoll distributur li tqassam il-fuel lill-klijenti tagħha stess. Huwa esebixxa lista ta' l-ammonti ta' litri ta' *Diesel EN 590* li r-rikorrenti xtrat mingħand Enemed fi stat *duty suspended* bejn Jannar 2019 sa' Settembru 2022.[11] **<u>Huwa ppreċiża illi qabel Jannar 2019 r-rikorrenti qatt ma xtrat mingħand Enemed plc *Diesel EN 590* li kien *duty suspended*.</u>**

18. Fit-23 ta' Jannar 2023 xehed **<u>Ronald Long</u>**, rappreżentat tad-Dwana, li spjega li għas-snin 2017-2019 ir-rikorrenti ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha neċessarja dwar ix-xiri ta' fuel *duty suspended*. Il-kompitu tiegħu kien li jivverifika l-ammonti stante illi fuqhom tinġabar is-Sisa u l-VAT mid-Dipartiment. Huwa kkonferma illi kien ġie mitlub mir-Regolatur sabiex jgħaddilu din l-informazzjoni. Ix-xhud ippreżenta lista ta' dawk l-ammonti ta' litri ta' *Diesel EN 590* li fuqhom ir-rikorrenti ħallset id-dazju tas-Sisa bejn Jannar 2017 u Diċembru 2019.[12]

19. Fl-20 ta' Frar 2023 xehed **<u>Nathaniel Sacco</u>**, *finance manager* fi ħdan il-kumpanija rikorrenti. Huwa qal illi fi żmien preċedenti ossia sal-bidu tal-2019 il-kumpanija kienet tixtri fuel mingħand l-Enemed bl-element tas-Sisa u l-VAT inkluż. Kien għalhekk li f'Lulju 2019 laħqu ftehim mal-Enemed biex jinbidel il-mod kif jinxtara l-fuel ossia li d-dazju tas-Sisa jibda jitħallas direttament mir-rikorrenti lid-Dwana. Huwa qal li d-Dwana kienet ġie infurmata b'dan l-arranġament u li d-Dokument MS1 esebit minnu juri li Marisa Hewer, Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, kienet irrikonoxxiet dan il-ftehim. Huwa qal illi għalhekk minn Lulju 2019 'l quddiem ir-rikorrenti bdiet tħallas id-dazju hi lid-Dwana.

    Ix-xhud spjega kif f'waqt minnhom ir-Regolatur kien għamel kuntatt magħhom biex jgħidilhom illi l-moviment tal-fuel kien qed jiġi rrappurtat b'mod ħażin mir-rikorrenti fir-rapporti tagħha ta' kull xahar. F'dan ir-rigward qal hekk:

    *'Ir-REWS talbu li jimbidel post ta xiri jigifieri fejn inti qed tirraporta x-xiri, hu hemm sezzjoni fejn il-fuel xtrajtux bid-dazju mhallas jew bid-dazju ghadu mhux imhallas. Issa ghalkemm, jigifieri din importanti hafna. Ghalkemm il-fuel kien jinxtara bid-dazju, ahna nghidulu n-national marker diga mizjud jiġifieri biex il-fuel jintuza fuq l-art, ir-REWS talbu li l-fuel jiġi inkluz mal-ammont fir-rapport fejn il-fuel huwa bla dazju jigifieri bla national marker u jintuza fuq il-bahar duty free. Jigifieri ma*

[11] Dok PB1 a fol 129
[12] Dok RL1 a fol 138

*tistax rapport ta fuel li fih national marker, fuq is-sezzjoni li hija duty free fuq ir-rapport. Issa r-REWS talbuna naghmlu dawn, spjegajnilhom car hafna li l-fuel huwa bin-national marker diga mizjud mieghu u li d-dwana Marisa Hewer qed tikkonferma u tirikonoxxi l-ftehim li hemm mal-ENEmed li d-dazju jithallas ... Bil-moviment li talbu li jsir ... awtomatikament tigi responsabbli thallas Regulation charge ta 0.00175 cents. Ovjament jekk tqis il-volum ta attivita li kumpanijja ghandha jirrizultaw f'eluf kbar."*

Ix-xhud insista illi r-rikorrenti fl-ebda ħin ma kienet importatur tad-*Diesel EN 590* u li filfatt kienet biss distributur tal-istess fuel li tixtri mingħand l-Enemed plc sabiex tqassmu lil *garages, hotels* u *warehouses.* Huwa qal illi r-rikorrent għandha ukoll *petrol stations* fejn il-fuel tixtrih ukoll mill-Enemed plc. Spjega ukoll illi r-rikorrenti timporta *fuel* ieħor minn kumpanija barranija (Sahara) li m'hijiex reġistrata mar-Regolatur u li huwa biss fir-rigward ta' dan il-fuel illi hija tuża l-liċenzja ta' *importer/wholesaler* u li tħallas id-dritt regolatorju fuqu lir-Regolatur.

In kontroeżami qal illi ma jaħsibx li l-ftehim li kien intħalaq mal-Enemed plc dwar il-ħlas tas-Sisa kien ġie notifikat lir-Regolatur intimat. Ix-xhud esebixxa ukoll korrespondenza li għaddiet bejnu u d-Dwana (Dok NS1) u l-korrespondenza inkluż dik legali li għaddiet bejn il-partijiet meta beda d-diżgwid bejniethom (Dok NS2 – NS3).

20. Fl-istess data xehdet ukoll **<u>Mireille Cassar</u>**, bint id-direttur tar-rikorrenti u li taħdem fl-*accounts*. Hija qalet fost affarijiet oħra illi huma ma jimportawx id-*Diesel EN 590* iżda dan jixtruh mingħand l-Enemed plc. Huma jimportaw biss fuel ieħor mingħand kumpanija barranija (Sahara) u huwa fuq dan il-fuel biss illi huma tenuti jħallsu d-dritt regolatorju lir-Regolatur.

**Kunsiderazzjoni**

21. Minn analiżi tax-xhieda u dokumentazzjoni esebita u minn eżami approfondit tal-leġislazzjoni relattiva u wara li fehmet il-posizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti tqis illi din il-vertenza m'hijiex waħda daqstant kumplikata għalkemm mad-daqqa t'għajn forsi tidher mod ieħor. Qabel xejn però t-tluq prinċipali jibda minn punt kruċjali. Huwa ċar illi għall-finijiet kemm tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.17 (Regolamenti Dwar Il-Petroleum Fis-Suq Tal-Karburanti Bl-Ingrossa Fuq L-Art, L-Ibbottiljar Tal-LPG u L-Faċilitajiet Tal-Ħżin Primarji) u kemm tal-Kap. 382 (l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa) l-importazzjoni ta' oġġett tad-dazju tas-Sisa (f'dan il-każ tad-*Diesel EN 590)* **<u>meta dan jidħol Malta taħt arranġament doganali sospensiv</u>** (kif inhuwa fil-każ odjern) **<u>ma ssirx mad-dħul fit-territorju Malti tal-istess fuel</u>**. Jiġifieri malli l-Enemed plc iddaħħal l-istess *diesel* ġewwa l-maħżen awtorizzat tagħha ma tkun saret l-ebda importazzjoni u għalhekk ma jkun dovut l-ebda dazju. Lanqas ma ssir l-importazzjoni ta' dak il-fuel meta dan jiġi ttrasferit minn dak il-maħżen awtorizzat għal maħżen awtorizzat ieħor (filfatt il-kumpanija rikorrenti

għandha ukoll il-permess sabiex topera maħżen tas-Sisa). L-importazzjoni però ssir malli dak il-fuel jinħareġ minn maħżen tas-Sisa sabiex jiġi rilaxxjat għall-konsum fis-suq meta imbagħad jitqies li jkun ħareġ mill-arranġament doganali sospensiv u għalhekk isir dovut id-dazju tas-Sisa. Il-mistoqsija ċavetta hija: **<u>f'dak l-istadju min minn suppost jitħallas id-dazju?</u>** It-tweġiba għal din il-mistoqsija tagħtiha d-Direttiva tal-Kunsill (EU) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa. Fl-Artikolu 7(1)(a) tal-istess Direttiva (trasposta fl-Art. 8 tal-Kap. 382) hemm provdut kif ġej:

*Artikolu 7*

**Il-persuna responsabbli biex tħallas id-dazju tas-sisa**

1. Il-persuna responsabbli biex tħallas id-dazju tas-sisa li jkun sar dovut għandha tkun:

(a) fir-rigward tat-tluq tal-oġġetti soġġetti għas-sisa minn arranġament ta' sospensjoni tad-dazju kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(3):

(i) il-magazzinier awtorizzat, id-destinatarju rreġistrat jew kwalunkwe persuna oħra li tirrilaxxa l-oġġetti soġġetti għas-sisa jew li f'isimha jiġu rrilaxxati mill-arranġament ta' sospensjoni tad-dazju u, fil-każ ta' tluq irregolari mill-maħżen tat-taxxa, kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-tluq;

(ii) fil-każ ta' irregolarità matul moviment ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju kif definit fl-Artikolu 9(1), (2) u (4): il-magazzinier awtorizzat, il-konsenjatur reġistrat jew kwalunkwe persuna li ggarantiet il-ħlas tad-dazji tas-sisa skont l-Artikolu 17(1) u (3) ukull persuna li pparteċipat fit-tneħħija irregolari u li kienet konxja jew li kellha tkun raġonevolment konxja min-natura irregolari tat-tneħħija;

22. Għalhekk skond din id-Direttiva malli l-oġġett li jkun suġġett għad-dazju sospiż (fil-każ de *quo,* id-*diesel* magħruf bħala *duty suspended*) jitlaq minn taħt l-arranġament doganali sospensiv ikun il-magazzinier awtorizzat (*authorised warehousekeeper*), id-destinatarju reġistrat (*registered consignee*) jew kwalsiasi persuna oħra li tirrilaxxa l-oġġett soġġett għas-Sisa li jkun responsabbli sabiex iħallas id-dazju tas-Sisa.

23. Mill-provi rriżulta illi kemm Enemed plc u kif ukoll il-kumpanija rikorrenti t-tnejn huma awtorizzati bħala *Tax Warehouse Keepers* u għalhekk jistgħu jirċievu l-fuel taħt arranġament doganali sospensiv. Jirriżulta ukoll mill-provi illi d-*Diesel EN 590* li l-kumpanija rikorrenti tixtri mill-Enemed u tpoġġih fil-maħżen tagħha taħt tali arranġament tirrilaxxjah fis-suq għall-konsum. Għalhekk kwalunkwe fuel li r-rikorrenti tixtri minn Enemed plc li jkun *duty suspended* huwa fuel li fuqu r-rikorrenti bħala t-*Tax Warehouse Keeper* li takkwistah trid tħallas d-dazju tas-Sisa fuqu la darba toħorġu mill-maħżen tagħha biex tirilaxxjah fis-suq. Jidher illi f'xi żmien fl-2019 sar ftehim bejn ir-rikorrenti u l-Enemed plc fejn ġie ppreċiżat li r-rikorrenti trid tħallas id-dazju tas-Sisa dovuta lir-Regolatur intimat malli dan il-fuel jinħareġ mill-maħżen tagħha.

24. Id-diżgwid beda mar-Regolatur intimat fl-2021 meta wara verifiki li għamel mad-Dwana rriżultalu illi minkejja li skond ir-rapporti mensili r-rikorrenti kienet qed tiddikjara li qed tixtri d-*Diesel EN 590* taħt Kolonna AN bid-dazju diġà mħallas u fi

stadju li diġà ġie rilaxxjat mid-Dwana, fil-verità hija kienet qed takkwista l-istess *diesel* minn Enemed plc fi stat *duty suspended* u għalhekk meta toħroġ il-fuel mill-maħżen tagħha (i.e. tar-rikorrenti) hija kellha tħallas id-dazju tas-Sisa u d-dritt regolatorju. Għalhekk ir-Regolatur beda jitlob li r-rikorrenti temenda r-rapporti mensili biex jirriflettu l-moviment tad-*diesel* b'mod korrett. Min-naħa tagħha r-rikorrenti ħadet il-posizzjoni li hija m'hijiex importatur anke għaliex takkwista l-*fuel* bin-*national marker* u għalhekk ma obdietx l-ordni tar-Regolatur. Jidher illi f'dan ir-rigward skattaw proċeduri separati inkluż multi amministrattivi fil-konfront tar-rikorrenti.

25. Ma jidhirx mid-dokumenti esebiti illi qatt kien hemm xi korrespondenza bejn il-partijiet li tindika li kien hemm diżgwid rigward is-snin 2017, 2018 u 2019. Jidher però illi r-Regolatur irraġuna illi la darba fis-snin 2017, 2018 u 2019 il-kumpanija rikorrenti ħallset id-dazju tas-Sisa fuq id-Diesel EN 590 (għax hekk irriżultalu mill-informazzjoni mgħoddija lilu mid-Dwana) allura hija kienet ukoll f'dak iż-żmien takkwista dak id-diesel fi stat *duty suspended* mill-Enemed plc qabel ma tirrilaxxjah mill-maħżen tagħha u għalhekk ħarġet fattura b'talba għall-ħlas tad-dritt regolatorju fuq l-ammonti ta' Diesel EN 590 akkwistati mill-Enemed plc.

26. Jidher però b'mod ċar mid-deposizzjoni ta' <u>**Philip Borg**</u>, *Chief Technical Officer* ta' Enemed plc u mid-dokument esebit minnu illi fis-snin 2017 u 2018 ir-rikorrenti <u>**qatt ma xtrat mingħand Enemed plc *Diesel EN 590* li kien *duty suspended*.**</u> Dan ifisser li kwalunkwe ħlasijiet li setgħet irċeviet id-Dwana mir-rikorrenti fuq dan id-*diesel* saru verament, kif allegat ir-rikorrenti stess, għan-nom ta' Enemed plc u mhux għaliex kienu dovuti mill-kumpanija rikorrenti. Naturalment imbagħad wieħed jistenna li l-Enemed plc ma kienetx qed tinkludi l-element tad-dazju tas-Sisa bħala taxxa indiretta fil-prezz tad-*Diesel EN 590* mibjugħ lir-rikorrenti peress illi din kienet tkun diġà ħallset is-Sisa dovuta mill-Enemed plc għan-nom tagħha. Dan seta' kien arranġament li bbenefika kemm lil Enemed plc u kemm lir-rikorrenti iżda li huwa importanti huwa illi ġaladarba r-rikorrenti teknikament ma kienetx qed takkwista d-*Diesel EN 590* fi stat <u>*duty suspended*</u>, allura hija kienet qed takkwistah f'mument meta kien diġà ġie rilaxxjat fis-suq minn Enemed plc. Għalhekk <u>**l-ebda dritt regolatorju fuq id-Diesel EN 590 ma kien jew huwa dovut mir-rikorrenti għas-snin 2017 u 2018.**</u>

27. Mhux l-istess jista' jingħad għal Jannar 2019 'l quddiem peress illi għal tali perjodu hemm prova illi r-rikorrenti xtrat Diesel EN 590 mingħand Enemed plc fi stat *duty suspended.* Għalhekk kwalunkwe dazju tas-Sisa li ħallset ir-rikorrenti lid-Dwana minn Jannar 2019 'l quddiem sar jew kellu jsir direttament minnha għan-nom tagħha u għal ħadd iżjed, kellu jiġi rrappurtat bħala fuel illi ġie rilaxxjat <u>**minnha**</u> għall-konsum fis-suq (taħt Kolonna AL) u kellu jitħallas id-dritt regolatorju fuqu lir-

Regolatur intimat. Xejn m'huwa ta' soljev għar-rikorrenti li tiċċita *email* mibgħuta lilha minn Marisa Hewer, Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, fid-9 ta' Lulju 2023[13], fejn infurmatha illi hija l-Enemed l-importatur tad-*Diesel EN 590* għaliex fil-verità jirriżulta illi tali prodott qed jiġi rilaxxjat għall-konsum fis-suq u jinħareġ mill-arranġament doganali sospensiv mir-rikorrenti stess u għalhekk hija hi skond il-liġi li għandha titqies bħala l-importatur ta' dak il-prodott.

28. Għalhekk l-ammonti li skond il-fattura rilaxxjata mir-Regolatur intimat datata 8 ta' Novembru 2021[14] jirrappreżentaw id-dritt regolatorju dovut lilu mir-rikorrenti għas-snin 2017 u 2018, ossia € 436.91 u € 1,890.60 m'humiex dovuti. Huwa biss l-ammont ta' € 4,139.83 rappreżentanti d-dritt regolatorju għas-sena 2019 li huwa dovut.

**Deċiżjoni**

29. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte* fis-sens illi l-ammont dovut mir-rikorrenti lir-Regolatur intimat bħala arretrati ta' dritt regolatorju għandu ikun dak ta' € 4,139.83 rappreżentanti s-sena 2019 (u mhux € 6,467.34 rappreżentanti s-snin 2017-2019 kif indikat fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-ittra uffiċjali bin-numru 260/22). Għalhekk tali dikjarazzjoni ġuramentata għall-ammont ridott kif likwidat mill-Qorti għandha minn issa jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti. L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jinqasmu nofs bin-nofs.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[13] Dok NS1 a fol 154
[14] Fol 120